Citta Notabile

# Minuti tal-laqgha numru 21 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 9 ta' Ottubru 14 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presemti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

21.1 Approvazzjoni tal-Minuti

21.1.1 Wara li ma kienx hemm korrezzjonijiet gew approvati l-Minuti tal-laqgha nru: 20

21.2 Arrising out

21.2.1 Il-Barbeque tal-Kunsill kien success. Kien hemm pero xi nuqqasijiet minn naha tal-Caterers

21.2.2 Onor Dr Bountempo infurmana li c-cans li jigi devolut lil Kunsill il-bini tal-Banca Guratali kien remot hafna. Ghalhekk il-Kunsill kellhu jibda jinsisti mal-Awtoritajiet koncernata dawr kmamar li hemm fis-sular t'isfel tal-bini ezistenti tal-Kunsill.

21.2.3 Kien ser ikollna laqgha mas-CEO tal-MTA is-Sur Paul Bugeja fi 23 ta' Ottubru. Kien hemm qbil fuq punti li konna ser inqajmu waqt din il-laqgha.

21.2.4 Dwar ir-refussjoni tal-Paga tal-Haddiema taht l-iskema CIES, kien rega kellna konferma li d-dipartiment tal-Gvern Lokali kien ser jibda jghati din ir-rifussjoni.

21.3 Korrespondenza batch 103 -104

21.3.2 Kienet saret talba lil Mepa sabiex Garaxx fi Telgha tas-Saqqajja jigi mibdul fi stabiliment tal-Ikel. Il-Kunsill ma kellhux oggezzjoni

21.3.2 Kellna talba minghand is-Sur Clifford Vella sabiiex jipproduci set ta' Key Chains bl-Imdina bhala suggett. Il-Kunsill ma kellhux oggezzjoni basta ma ikunx hemm l-isem tal-Kunsill.

21.3.3 Inqrat ittra mibghuta mill-Malta Marathon dwar l-oggezzjoni taghna sabiex ma jghalqux id-dahla tal-Imdina fil-ftuh tal-Marathon ta' Dicembru 2014 u Frar 2015.

21.3.4 Kellna ittra minghsnd is-Sinj Tania Mizzi sabiex tikritika x-xoghol ta' tisbieh li sar fil-Gonna ta' Howard

21.3.5 Talba minghand Volodymir Barn dwar l-uzu tas-Sala tal-Kunsill ghal Attivitajiet Kulturali f'Jannar 2015. Il-Kunsill qabel li jghati permes u jitlob Euro100 bhala spejjez Amministrattivi.

21.3.6 Kellna ittra ufficjali dwar ir-rifussjoni ghal paga tal-Haddiem taht l-iskema tas CIES
21.3.7 Kellna ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-hlas mitlub ghal hrug ta' permessi mill-Kunsill. PS qal li mhux dejjem ikun faccli li tghati l-bqija ghal 2.33 u ghalekk kien qed jingabar hlas ta' Euro 2.50.
21.3.8 Kellna konferma tal-Meeting mal-MTA
21.3.9 Kellna talba mingand Show of Arms sabiex jorganizaw attivita nhar il-Hadd 23 ta' Novembru. Filwaqt li qbilna li nohorgu permess. ghamilna il-kunidzzjoni li sabiex waqt din l-attivita ma jinghalqux Toroq jew jitnehha parkegg.
21.3.10 Gejna avzati dwar Laqgha Plenarja tal-AKL ghal Kunsillieri kollha.
21.3.11 Ittra minghand l-AKL dwar possibilta li niktbu artiku fuq suppliment ta Times of Mata.
21.3.12 Gejna avzati b'laqgha dwar Cultural Mapping. Minhabba impenji ohra il-Kunsill ma setghax jattendi u ghalhekk kellna niktbu biex ninfurmawhom b'dan..
21.3.13 Talba minghand Dr Lanfranco dwar xi thaffir tat-trinka li jrid isir fi triq Magazini. Qbilna li nghatu permess izda li isir monoteragg tax-xoghol.
21.3.14 Ittra minghand is-Sinj Azzopardi dwar incident tat-Traffiku fi Triq Infetti. Il-Kunsill ma kellhux jidhol fil-kwistjoni li s-Sinj Azzopardi ghanda ma Transport Malta.
21.3.15 Kellna talba minghand Profs Paul Sant Cassia sabiex tintuza s-Sala tal-Kunsill ghal Riceviment. Qbilna li nghatu permess.
21.3.16 Kellna talba ghal-attivta ta Street Art Festival. Il-Kunsill ta parir lil-organizzaturi sabiex jitolbu permess biex juzaw il-gnien tal-Foss.

21.4 Ghoti tat-Tender MLC 2/14 - Rural Roads

21.4.1 Giet sottomess offerta wahda, dik ta' Philip Agius u ghalhekk il-Kunsill aggudika l-kuntratt ghal xohol ta' tiswijiet fiz-zewg toroq lil dan il-kuntrattur wara li kienu intlahqu il-kriterji kollha mitluba fis-sejha.

21.5 Ghoti tat-Tender MLC3/14 - Works Supervisor.

21.5.1 Kienet giet sottomessa offerta wahda. Din l-offerta li kienet sodisfacenti kienet ta' Rapheal Carabott. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jinghata il-Kuntrat.

21.6 Howard Gardens

21,6,1 PSM ipprezenta sett ta' ritratti dwar xi nuqqasijiet min-naha tal-Kuntrattur li jiehu hsieb il-Gonna ta' Howard. Kien hemm qbil li nghadu dawn ir-ritratti lil works supervisor tal-Kunsill sabiex jiehu azzjoni.

21.7 Affarijiet Ohra meqjusa urgenti

21.7.1 Gie imwaqqaf il-Kumitat ta' Evalwazzjoni ghal offerta MLC4/14. Dan kien kompost minn: PSM, PS, JD u Robert Musumeci.
21.7.2 PS qal li kien kiteb lil Mirielle Fsadni dwar il-Bowsers li jissuplixxu l-ilma ghal gonna tal-Foss, ghaliex dawn kien qed joholqu inknvenjent ghal min ikun irid johrog jew jidhol l-Imdina.
21.7.3 PSM gibed l-attenzzjoni li d-dawl tal'-Playingfield xi drabi ma kienx qieghed jinxtal. PS kellhu ikellem lil Renato Tanti li jikkontrolla meta jinxtell dan id-dawl,
21.7.4 Kienet saret talba minghand Resident mill-Imdina sabiex juza temporanjament l-ufficju tal-Kunsill. Kien hemm qbil li isiru diskussjonijiet mieghu.
21.7.5 Saret diskussjoni dwar kif il-Kunsill jista jaghmel revenue iehor sabiex

illahaq mal-ispejjez li ghandu. Fosthom issemmiet l-izvillup tal-Car Park, Conccession ta' Casino Notabile u kiri tal-Kamra li hemm fil-gonna , PSipprezenta ukoll lista ta' Kredituri

21,7.6 Gie rapurtat li kien hemm kucciera tal-Karrozzini li ma kienux qed josservaw il-kundizzjonijiet tal-Licenzja taghhom. Qbilna li niktbu lil enforcement ta' Transport Malta.

21.7.7 Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 21/14

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra il-laqgha giet aggornata sine die.

| | |
|---|---|
| ____________________ | __________________ |
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |